MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2014

Mandat Numru. 1898/2014/1

**Emanuel Ciantar ID 50764M f'ismu u f'isem**

**Diane Ciantar ID 7770M**

**Vs**

**HSBC Bank Malta PLC**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-**rikors guramentat** ta' Emanuel Ciantar pro et nomine tat-28 ta' Novembru, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti, ghandu interess li thares l-jeddijiet tal-esponenti li ma jigix zgumbrat mill-workshop maxkim Garage Valletta Road Qormi*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jixtieq izomm l-intimat milli jkomplu l-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament 1369/12 mahrug fuq talba tal-bank intimat li qed jippretendi li ghandu titolu validu fuq l-istess fond, liema titolu qed jigi kontemplat fil-kawza fil-Prim Awla tal-Qorti Civili 565/13 AF fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs HSBC Bank Malta Plc.*

*Illi jekk jigu zgumbrati mill-workshop tieghu li hu mezz tal-ghixien tieghu, id-dannu jkun irrimedjabbli u ghal ghomru.*
*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli ikomplu jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet taghha tat-28 ta'Novembru 2014 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro-parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-11 ta'Dicembru 2014 fil-10.15am.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil-bank intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' HSBC Bank [Malta] plc tal-5 ta'Dicembru 2014 (a fol. 7 et seq) li taqra hekk:

*"Illi permezz ta' rikors 28 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti Emanuel Ciantar pro et noe talab lil din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-intimati milli:*

***Ma jigix zgumbrat mill-workshop tieghu Maxkim Garage Valletta Rood Qormi .... u sabiex l-intimat ...jkompli bl-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament 1369/12.***

***1.0 Fatti tal-kaz***

*Il-fatti tal-kaz jistghu jingabru in succint kif gej:*

- *Illi Emanuel u Diane Ciantar huma debituri tal-Bank intimat versu s- somma ta' sebgha u hamsin elf mitejn u tnejn u disghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu [€57,292.85] oltre l-ispejjes u mghaxijiet liema somma giet kkannonizzat permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-28 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet HSBC Bank [Malta] plc vs Emanuel Ciantar et;*

- *Sallum din is-somma ma thallsitx.*

- *Illi l-fond mertu ta' dawn il-proceduri mhux residenza imma garaxx privat.*

- *Illi l-bank qed ifittex jezegwixxi mandat ta' zgumbrament debitament awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti wara illi saret il-liberazzjoni fil-31 ta' Mejju 2012 tal-fond ossia garage maghruf bhala Maxkim Garage, gewwa Valletta Road, Qormi a favur l-istess bank u dan in segwitu tas-subbasta numerat 50/11.Illi illum il-gurnata dan il-garaxx jappartjeni lil bank u tali liberazzjoni giet insinwata mar-Registru Pubbliku fis-6 ta' Gunju 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A);*

- *Illi dan mhux l-ewwel tentattiv tar-rikorrent biex jisfratta ordni ta' din l- Onorabbli Qorti. Fil-fatt Emanuel Ciantar ipprezenta rikors fit-30 ta' Mejju 2014 permezz ta' liema rikors l-intimat talab s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat izda liema rikors gie michud minn dina l-Qorti diversament ippreseduta permezz ta' digriet datat l-14 ta' Gunju 2013 [Dokument B];*

- *Illi gimgha biss wara l-intimat mill-gdid ipprezenta rikors iehor din id-darba datat l-20 ta'Gunju 2013 fejn talab illi l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-digriet moghti fl-14 ta' Gunju 2013, f'liema digriet il-Qorti kienet iddekretat illi r-rikors ta' Emanuel Ciantar ma kienx fih mertu biex jissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat u fejn di piu ordnat il-prosegwiment ta l-esekuzzjoni ta l-istess mandat;*

- *Illi permezz ta' rikors iehor l-intimati irrilevaw l-istess premessi ta dan il-mandat u cioe illi fil-frattemp kienu infethu proceduri fl-ismijiet Emanuel Ciantar pro et nomine vs HSBC Baank Malta plc li ggib in-numru 565/13 sabiex l-liberazzjoni hawn fuq imsemmija tigi ddikjarata nulla u ghaldaqstant abbazi ta' dan il-fatt biss talab lil Onorabbli Qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-mandat in vista tal-imsemmija kawza;*

- *Illi nonostante dawn l-argumenti kollha da parte tal-intimati l-Qorti regghet cahdet mill-gdid it-talba tal-intimat Ciantar u dan permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Awwissu 2013 [Dokument C] ;*

- *Illi l-intimat Ciantar permezz tar-rikors iehor tal-5 ta' Novembru 2014 ghall-darb' ohra ttenta a detriment kontinwu tad-drittijiet tal-bank esponenti jistultifika l-proceduri ta' zgumbrament u r-relattivi digrieti moghtija, b'dan li mill-gdid rega ressaq l-istess argumenti gja trattati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

- *Illi permezz ta' digriet iehor ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tas-17 ta' Novembru 2014 [Dokument D] din il-Qorti cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-mandat ta' zgumbrament ghalies:*

  *" Billi din il-Qorti gjo* ***ddegretat diversi drabi*** *[emfazi mizjuda] illi ma hemm xejn li jostakola mill-prosegwiment tal-esekuzzjoni tal-mandat, tichad it-talba bla pregudizzju ghad-drittijiet tad-debitur fil-kawza civili 565/13."*

- *Illi a skans ta' repitizzjoni jinghad illi bil-ftuh ta' dawn il-proceduri huma ntenzjonati biss sabiex l-intimat Emanuel Ciantar jirbah iktar zmien favur tieghu u jkompli jtawwal il-proceduri legittimi sabiex il-Bank kreditur ikun jista' jissalda l-ammonti dovuti lilha mill-istess intimati;*

***2.0 Xi kunsiderazzjonijiet legali***

*Illi l-Artikolu 873 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili espressament jipprovdi illi sabiex talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tkun jista' tintlaqa' jenhtiei illi l-Qorti tkun soddisfatta:*

*(i) illi prima facie ir-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet;*
*(ii) illi l-agir ta' l-intimat ikun ta' pregudizzju lir-rikorrent; u*
*(iii) illi l-mandat ikun* ***mehtieg*** *sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent*[1].

*Illi fi Grech pro et noe vs Manfre (Vol.LXXII.II.290 App. Civ. 14/7/1988), il-Qorti qalet, fir-rigward tal-prova tal-jedd prima facie li dan:*

---

[1] *Ara Giacomo Galea vs. Pio Bezzina (App. Civ. 5.8.1954) u Direttur tal-Kuntratti et vs. George Xuereb (Kumm. G.V. 14.5.1995)*

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill- element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il- jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

*Ziedet tghid:*

> *"li l-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m'ghandiex tohrog dak il-mandat" jekk it-tliet rekwiziti tal-mandat fuq imsemmija ma jkunux sodisfatti.*

*Gie wkoll ritenut illi mandat t'inibizzjoni*

> *huwa mezz eccezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu* ***jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli...*** *lt-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent,* ***jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu*** *fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat"* [2]*[enfazi mizjuda]*

*Illi f'dan ir-rigward hija gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi t-tielet rekwizit ghall-hrug ta!-mandat (cjoe li l-mandat ikun* ***mehtieg*** *sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent) mhuwiex sodisfatt f'kaz illi l-pregudizzju soffert mir-rikorrenti jista' jigi sanat bil-hlas ta' danni. Dan ghaliex ir-rikorrent ghandu l-ewwel nett igib prova illi l-hrug tal-mandat huwa tassew mehtieg - jekk ir-rikorrenti jkollu rimedju eventwali permezz ta'*
*kawza ghal danni ma jkollux jedd li jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Fl-ahharnett, gie mtenni wkoll illi:*

> *L-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv* ***Mandat ta' lnibizzjoni. Il-Mandat ta'***

---

[2] *Charles Muglien v Saviour Bonnici, Prim Awla,25l0l12005; Angelo Xuereb v Marin Hili, Qorti tal-Kummerc, Rikors Nru 3135194, Deciz 2210911995.*

***lnibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat iekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista' tigi rimediata mod iehor.***[3] *[enfazi mizjuda]*

*Illi ghalhekk jigi sottomess illi l-fatti tal-kaz ghandhom jigu ezaminati fid- dawl ta'dawn ir-rekwiziti stabbiliti mil-ligi u l-kazistika nostrana.*

*2.1 Prima facie ir-rikorrent m'ghandux il-jeddijiet pretizi*

*Illi fuq bazi prima facie, ir-rikorrenti m'ghandhomx il-jedd pretiz u ghalhekk m'ghandux l-interess guridiku rikjest sabiex jressaq dan il-mandat t'inibizzjoni. Kif kellha l-okkazjoni tosserva l-Qorti fi proceduri simili, mhuwiex kompitu tal-Qorti f'dan l-istadju illi tiddeciedi dwar il-mertu tal-kaz izda ghandha biss tifli l-fatti u d-dokumenti li jinsabu quddiemha fuq bazi prima facie.*

*X'ghandha quddiemha t-Qorti "mad-daqqa t'ghajn"?*

*i) Dokument insinwat li juri li l-Bank intimat huwa registrat bhala propjetarju tal-garaxx li minnu ghandu jigi zgumbrat l-intimat Emanuel Ciantar.*

*ii) Erbgha (4) digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti fejn talba ghas-sospensjoni tal-mandat ta' zgumbrament liema talbiet jixbhu hafna lil dan ir-rikors pero ma nkitbux fuq il-formola tal-mandati ta' inibizjoni.*

*iii) Sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fejn ir-rikorrenti gew iddikjarati debituri versu l-Bank intimat liema kreditu ghadu ma thallas;*

*iv) Kawza pendenti [Numru 555/13AF] fejn qed jigi allegat li d-depozitu li sar mill-Bank fil-proceduri tas-subasta kien tardiv liema kawza qatt ma tista twassal ghat-thassir tal-att ezekuttiv ossia l-mandat ta' zgumbrament ghaliex ir-rimedju tal-Ligi sabiex wiehed jimpunja att ezekuttiv bhalma huwa dan il-mandat ta' zgumbrament huwa dak ai termini tal-Artiklu 281 tal-Kap 12*

[3] *Dr Kenneth Grima nomine v Direttur Generalital-Kuntratti, Prim Awla [kif presjeduta], 26 ta' Marzu, 2014*

*Illi kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni Ludwig Limited v Philip George Degiorgio et.* [4]

> *[ir-rimedju] kontemplat fl-artikolu 281 hu mmirat ghall-istronkar tal-att ezekuttiv innifsu ...* ***u dan minhabba mankanza fl-att ezekuttiv innifsu u mhux minhabba xi kontestazzjoni fuq il-mertu*** *(ara Edward Pace v Michael Sultana, Prim Awla, 05.05.2005) [emfazi mizjuda]*
>
> *Illi fil-fatt gie kostantement ritenut illi l-artikolu 281 ma jippermettix lid-debitur li jerga' jiftah berah il-mertu tal-kawza u ghalhekk l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata ghall-att ezekuttiv [f'dan il-koz, il-mandat ta' zgumbrament] dwar liema dina l-Onorabbli Qorti diga ppronunzjat ruhha (bid-digriet tal-14 ta' Gunju 2013):*
>
> *'Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi', li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m' huwiex Mandat kowtelatorju;*
>
> *Illi, fil-qofol tal-kwistjoni, jirrizulta li bejn il-partijiet ghad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu ezekuttiv li bis-sahha tieghu nhareg il-Mandat impunjat ghadux fis-sehh.*
>
> *Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, sakemm ikun hemm provvediment gudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirrizultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu ezekuttiv ikollu jitqies li ghadu fis-sehh;*

---
[4] *Ludwig Limited vs Degiorgio Philip George et, Prim' Awla, 12.07.2012*

*Illi l-Mandat - li huwa att ezekuttiv - inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu u Certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir- Registratur tal- Qrati ;*

*Illi, ghalhekk, lill-Qorti ma jirrizultalhiex li hemm raguni tajba biex l-istess Mandat jigi attakkat;*[5]*"*

*2.2 L-agir tar-rikorrenti huwa ta' pregudizzju ghor-rikorrent u l-mandat huwa necessarju biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti*

*It-tieni u t-tielet elementi necessarji ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni huma marbutin sfiq u se jigu trattati flimkien.*

*Fir-rigward tar-rekwizit tal-prova ta' "pregudizzju" qabel xejn huwa premess li il-pregudizzju ma jistax ikun wiehed li r-rikorrenti gab b'idejh. Il-proceduri li qieghed jipprova jwaqqaf r-rikorrenti huma fuq kollox atti ezekuttivi mahrugin minn Qorti wara sentenza li ghaddiet in gudikat.*

*Illi bl-akbar rispett mhuwiex car x'qed jipprova jghid ir-rikorrenti. L-esponenti jissottometti li kull debitur li ma jonorax l-obbligi kuntrattwali tieghu jew taghha jsofri pregudizzju meta l-istess debitur jonqos milli jhallas id-debiti tieghu wara sentenza li tmur in gudikat.*

*Illi kif ntavolat, ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni jgib fix-xejn l-istitut tal-mandati ta' ezekuzzjoni ta' titoli ezekuttivi u sahansitra huwa legalment irregolari.*

*B'kull rispett, il-Bank intimat huwa il-propjetarju tal-garaxx li minnu qed jintalab li jigi zgumbrat ir-rikorrenti u llum il-gurnata qieghed jokkupa l-istess garage b'mod abbuziv u llegali. Dan l-istat ta' ilegalita ma jistax jitqies bhala jedd li ghandu r-rikorrenti kif kontemplat mill-artikolu 873 tal-Kap 12. ikun legalment assurd li debitur jkun jista jwaqqaf*

[5] *Edward Pace v Michael Sultana, Prim Awla, 05.05.2005; Ara wkoll Emanuel Vella v Lloyds' Malta Limited et, Prim Awla 30.10.2003*

*l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv sempliciment ghaliex ikun fetah kawza ghaliex f'dak il-kaz l-ebda sentenza ma tkun qatt tista tigi esegwita.*

*Illi fl-ahharnett jinghad li minn ricerka qasira fuq l-internet irrizulta li l-intimat Emanuel Ciantar jopera negozju tramite kumpannija msemmija ghat-tfal tieghu Maximillian Ciantar u Kim Ciantar, MaxKim Limited C 19754 minn workshop Triq il-Kanun Hal Qormi Malta u mhux mill-garaxx Valletta Road Qormi. [Dokumenti E]*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, il-kumpanija esponenti umilment tissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti mir-rikorrenti Emanuel Ciantar jirrizulta illi huwa ghandu il-mestier ta' *sheet metal worker* u allega li jopera n-negozju tas-socjeta tieghu Maxkim mill-*garage* Maxkim Valletta Road Qormi. Huwa ezebixxa erbghatax il-ritratt Dok. EC1 sa EC14 vide fol. 39, ir-riklam tan-negozju tieghu fil-Yellow Pages Dok. EC15 u c-certifikat tar-registrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud Dok. EC 17 a fol. 42 u l-permess tal-MEPA ghal-*change of use* minn *warehouse* ghal-fabbrika ta' *sheet metal and aluminium works* – vide fol. 44.

Emanuel Ciantar xhed li dan huwa l-uniku mestier tieghu u li m'ghandux xoghol iehor fiss jew *part-time*.Illi ghaldaqstant talab ghal-hrug ta' mandat t'inibizzjoni sabiex ma jigix jigix zgumbrat mill-*workshop* tieghu Maxkim Garage Valletta Road Qormi, u sabiex l-intimat HSBC Bank Malta plc ma jkomplix bl-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament 1369/12.

Il-Bank intimat iribatta illi r-rikorrenti Emanuel u Diane Ciantar huma debituri tal-Bank intimat versu s- somma ta' sebgha u hamsin elf mitejn u tnejn u disghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu [€57,292.85] oltre l-ispejjes u mghaxijiet liema somma giet kkannonizzat permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-28 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet HSBC Bank [Malta] plc vs Emanuel Ciantar et, liema somma ghadha ma thallsitx.

Illi l-*garage* mertu ta' dawn il-proceduri mhuwiex residenza tar-rikorrenti.

Illi l-bank qed ifittex jezegwixxi mandat ta' zgumbrament debitament awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti wara illi saret il-liberazzjoni fil-31 ta' Mejju 2012 tal-fond ossia garage maghruf bhala Maxkim Garage, gewwa Valletta Road, Qormi a favur l-istess bank u dan in segwitu tas-subbasta numerat 50/11.Illi illum il-gurnata dan il-*garage* jappartjeni lil bank u tali liberazzjoni giet insinwata mar-Registru Pubbliku fis-6 ta' Gunju 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A);

Illi saru diversi tentattivi tar-rikorrent biex jigi skartat l-ordni ta' din l- Qorti:

1. Rikors fit-30 ta' Mejju 2014 ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat, michud minn dina l-Qorti diversament ippreseduta permezz ta' digriet datat l-14 ta' Gunju 2013 [Dokument B];

2. Rikors tal-20 ta'Gunju 2013 ghar-revoka tad-digriet moghti fl-14 ta' Gunju 2013, f'liema digriet il-Qorti kienet iddekretat illi r-rikors ta' Emanuel Ciantar ma kienx fih mertu biex jissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat u gie ordnat il-prosegwiment tal-esekuzzjoni tal-istess mandat;

3. Rikors iehor li fih l-intimati irrilevaw l-istess premessi ta dan il-mandat u cioe illi fil-frattemp kienu infethu proceduri fl-ismijiet Emanuel Ciantar pro et nomine vs HSBC Bank Malta plc li ggib in-numru 565/13 sabiex l-liberazzjoni hawn fuq imsemmija tigi ddikjarata nulla u konsegwentement sabiex il-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-mandat in vista tal-imsemmija kawza;

4. Permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Awwissu 2013 [Dokument C] il-Qorti regghet cahdet it-talba tal-intimat Ciantar;

5. Rikors datat 5 ta' Novembru 2014 fejn Ciantar ttenta jwaqqaf l-proceduri ta' zgumbrament u r-relattivi digrieti moghtija, b'dan li mill-gdid rega ressaq l-istess argumenti gja trattati minn dina l-Qorti;

6. Illi permezz ta' digriet iehor ta' din l-Qorti kif diversament preseduta tas-17 ta' Novembru 2014 [ Dokument D] din il-Qorti cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-mandat ta' zgumbrament ghaliex:

   *"Billi din il-Qorti gja* ***ddegretat diversi drabi*** *[emfazi mizjuda] illi ma hemm xejn li jostakola mill-prosegwiment tal-esekuzzjoni tal-mandat, tichad it-talba bla pregudizzju ghad-drittijiet tad-debitur fil-kawza civili 565/13."*

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat kontra il-Gvern, m'ghadux pregudizzju "li ma jkun jista' jigi irrimedjat", izda bizzejjed li jintwera li dan il-pregudizzju ikun wiehed sproporzjonat.

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. – vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi illi ingabu a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-intimati Emanuel u Diane Ciantar ma irnexxielhomx jissostanzjaw illi huma ghandhom dritt jew jedd almenu sal grad ta' prima facie li jehtieg il-harsien tieghu.

Skond il-gurisprudenza fuq citata, dan id-dritt irid ifegg jew jidher mad-daqqa t'ghajn u jrid ikun jedd oggettiv u mhux wiehed soggettiv u ma jistghax jiddependi minn element diskrezzjonali tal-gudikant - Vide sentenza tal-Qorti tal-Appell, deciza fil-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza fl-ismijiet **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295).

Illi gialadarba r-rekwizit tal-jedd prima facie ma giex sodisfatt, certament ma jirrizultax il-htiega tal-harsien tal-istess jedd.

Illi il-procedura ta’ Mandat t-Inibizzjoni ma tistghax tigi uzata biex tistultifika jew iggib fix-xejn, sentenza finali pronunzjata minn dawn il-Qrati flimkien mal-esekuzzjoni taghha.

Ghaldaqstant l-Qorti tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-Bank intimat.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti:

Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta’Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-bank intimat billi ma ntweriex illi jirrizultaw l-elementi kollha mitluba mill-ligi ghal hrug tieghu;

Thassar *contrario imperio* d-digriet taghha datat 28 ta’ Novembru 2014 , sa fejn kienet laqghet it-talba b’mod provvisorju;

Tordna li l-ispejjez  jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moghti kameralment illum l-Hamis 18 ta’ Dicembru 2014**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------